5 ta' Marzu, 1955

**Imħallef:**
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Charles Farrugia

## Traffiku — Sewqan Perikoluż — Sinjali — Negliġenza

*Biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż jeħtieġ mod ta' sewqan li juri ċertu grad ta' "recklessness" u non-kuranza tali li jiġi kreat perikolu, u mhux biżżejjed li fil-każ partikulari kien hemm potenzjalità ta' perikolu għal persuna determinata.*

*Imma, jekk ma jkunx hemm sewqan perikoluż, jista' jkun il-każ ta' sewqan negliġenti, avvolja d-driver ikun mexa fuq is-sinjali li jkun għamillu l-kuntistabbli tal-Pulizija; għax dawn is-sinjali mhumiex biżżejjed biex jeżimu lid-driver minn kull responsabbiltà. Bis-sinjali b'kollox, jibqa' dejjem dmir tad-driver li jżomm "a proper look-out".*

*Langas ma teżimi lid-driver, f'tema ta' negliġenza f'sedi kriminali, salvi konsiderazzjonijiet oħra "civiliter", in-negliġenza ta' ħadd ieħor, ammenokkè in-negliġenza ta' ħadd ieħor ma tkunx, mhux biss il-kawża kontribwenti, imma l-kawża determinanti ta' dak li jiġri.*

*Dan, però, ma jfissierx illi s-sinjal mogħti minn kuntistabbli u n-negliġenza ta' ħaddieħor, ma għandhom jitqiesu flimkien ma' ċirkustanzi oħra, fil-kwadru tal-kumpless taċ-ċirkustanzi, li fuq*

*l-isfond tagħhom għandha tiġi deċiża l-kwistjoni tan-negliġenza tad-driver jew tal-grad tagħha.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fit-30 ta' Ottubru, 1954, f'xi l-5.30 p.m., saq taxi-car no. 6258 minn Pawla Square, Pawla, b'manjiera perikoluża;

Rat it-talba magħmula mill-Kummissarju tal-Pulizija għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan ta' l-imputat;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Jannar, 1955, li biha sabitu ħati u kkundannatu £1 multa, u ssospendietlu l-liċenzi tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' l-imputat, li biħ talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-provi juru dawn il-fatti: l-imputat kien tiela isuq taxi-car "Plymouth" mid-direzzjoni tal-pjazza tar-Raħal il-Gdid, u fil-kantuniera ħdejn il-farmaċija ta' Portelli, il-kuntistabbli Grech, li kien "on traffic duty" f'dak il-pont, taħ is-sinjal biex jieqaf sakemm jgħaddi t-traffiku li kien ġej minn Ħal Tarxien Road. *L-imputat* waqaf. Dak il-ħin, ċertu Carmelo Scerri, li kien fuq il-bankina b'"push chair" żgħir b'tarbija, niżżel il-"push chair" ġol-"carriage way" ħdejn xifer il-bankina, għax issuppona li kien sejjer ikollu iċ-"chance" li jgħaddi. Intant il-kuntistabbli Grech, avvolja "ex admissis" (ara xhieda tiegħu) kien qiegħed jara l-"push chair" taħt il-bankina. għamel is-sinjal lill-imputat biex dan jipprosegwi, u dan beda miexi bil-mod. Mistoqsi kif kien ta s-sinjal, non ostanti li kien hemm il-"push chair" taħt il-bankina, il-kuntistabbli Grech ta r-risposta ftit soddisfaċenti li, kieku hu ta lil Scerri s-sinjal biex jimxi bil-"push chair", l-imputat kien jaħseb li s-sinjal kien ikun għalih. Il-car ta' l-imputat, meta mexa, issikka l-"push chair", Scerri beda jħabbat fuq il-body tal-car, u dan fil-pront waqaf. Ħsara ma ġratx, la fil-proprjetà u lanqas fil-persuna ta' ħadd;

Biżżejjed l-espożittiva ta' dawn il-fatti biex wieħed jara li sewqan perikoluż ma kienx hemm. Għalkemm kien hemm *il-potenzjalità* ta' perikolu għat-tarbija, dan ma hux

biżżejjed biex jintegra s-sewqan perikoluż, li jeħtieġ mod ta' sewqan li juri ċertu grad ta' "recklessness' u ta' non-kuranza tali li jiġi kreat perikolu, mentri f'dan il-każ dan l-element hu nieqes għal kollox;

Il-Prosekuzzjoni, wara s-smiegħ tal-provi, qablet li ma jidherx li l-imputazzjoni ta' sewqan perikoluż hi sostanzjata, u invitat lill-Qorti biex tikkunsidra l-imputazzjoni minuri ta' sewqan negliġenti fis-sens li l-imputat ma żammx "a proper look-out";

Fl-eżami ta' dan il-pont tan-negliġenza, għandu l-ewwelnett jingħad li l-fatt li l-kuntistabbli għamel is-sinjal lill-imputat biex imexxi ma hux, per sè, biżżejjed biex jeżimi lill-istess imputat minn kull responsabbiltà. Bis-sinjal b'kollox, jibqa dejjem id-"duty" tad-driver li jżomm "a proper look-out". Jgħidu difatti t-testi in materja (Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases, p. 37: "It would seem, however, that one may be negligent although obeying the policeman; and it has been held in America that a signal by a police-man to the driver of a car to come on at a street-crossing does not absolve him of his duty to exercise reasonable care for the safety of other road-users";

Lanqas tiswa lill-imputat, f'tema ta' negliġenza f'sedi kriminali, salvi konsiderazzjonijiet oħra "civiliter", illi Scerri imprudentement niżżel il-"push chair" taħt il-bankina u b'hekk, kuntrarjament għall-Liġijiet tal-Pulizija, ingombra l-"carriage way" (art 33. inċiż (j) Kap. 13); għax in-negliġenza ta' ħaddieħor ma tneħħix in-negliġenza ta' l-imputat fil-kriminal, ammenokkè in-negliġenza ta' ħaddieħor ma tkunx il-kawża, mhux biss kontribwenti, imma l-kawża determinanti ta' dak li jiġri;

Dan ma jfisserx li dawn iż-żewġ ċirkustanzi ma għandhomx, però, jitqiesu, flimkien ma' oħrajn, fil-kwadru tal-kumpless taċ-ċirkustanzi, li fuq l-isfond tagħhom għandha tiġi deċiża l-kwistjoni tan-negliġenza ta' l-imputat, jew tal-grad tagħha;

Il-Qorti taħseb li kien hemm ċerta negliġenza fl-imputat filli seta' nduna bil-"push chair" kieku eżerċita "reasonable care"; iżda fil-kwadru taċ-ċirkustanzi — bejn li kien qiegħed idur f'angolu, bejn li l-att ta' Scerri kien inaspettat,

bejn li l-"push chair" kien pjuttost żgħir, bejn li l-attenzjoni ta' l-imputat kienet f'dak il-ħin għas-sinjal tal-kuntistabbli, bejn li kien hemm in-nies li setgħu ostakolawlu l-viżibbiltà — kollox ma' kollox, din in-negliġenza kienet fi grad żgħir;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tipprovdi fuq l-appell ta' l-imputat fis-sens li tirriforma *s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat* **mhux ħati** ta' sewqan perikoluż, iżda ħati biss ta' sewqan negliġenti taħt l-art. 14 Kap. 105; u wara li rat l-art. 13(2) Kap. 12, tneħħi l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza, u tirriduċi l-multa għas-somma ta' għaxar xelini.

---